-

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

[Nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru 2019]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera
Hugh Caruana – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm. Id-D.S.E qal illi laqgħa ilha ma ssir għal izjed minn ħames ġimgħat u fakkar illi din hija ksur ta' liġi. Avolja kien hemm kwistjoni kbira peress illi d-D.S.E preċedenti ma riedx ikompli, xorta waħda qal kella ssir laqgħa għax din tiġi notifikata minn naħa tal-awdituri.

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

6.1.1 Ma kien hemm l-ebda kunsillier li talab biex ikun skuzat

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

6.2.1 B'referenza għal punt 5.4.3, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi ma kien irċieva l-ebda update rigward applikazzjonijiet li saru għall-pożizzjoni ta' Clerk. Qal illi għandu jara mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv preċedenti.

6.2.2 B'referenza għal punt 5.5.1 id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi l-evalwazzjonijiet għat-tenders tal-Contracts Manager u Handyman għadom ma sarux minn naħa tal-membri. Żied illi l-Kunsill qed jaħdem b'mod irregolari peress illi sakemm isir l-evalwazzjoni ma jista jsir l-ebda kuntratt avolja ix-xogħol huwa bzonnjuz. Fuq il-punt tal-handyman il-kunsillier A.Zammit talab għall-ispeċifikazzjonijiet tat-tender. Dawn id-dokumenti kienu preżentati lill-membri kollha. Il-kunsillier A.Zammit qal illi numru ta' kunsilliera jħossu li m'hemmx ċertezza, jew kontroll, illi l-kuntrattur qed jagħmel il-ħinijiet stipulati u jixtieqju jkunu ċerti li jagħmel is-sigħat. Is-Sindku qal illi dejjem tinnota bir-riżultat tax-xogħol tiegħu. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi dik hi l-iskop tal-Contracts Manager, ħalli jkun hemm persuna li tara li l-kuntratturi kollha, mhux biss il-handyman, qed jaħdem skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

**Il-kunsillier Shaun Farrugia daħal għal-laqgħa fis-5.45pm**

6.2.3 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier A.Zammit ssekondaħ.

6.2.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Minuti tal-laqgħa urġenti li saret nhar l-Erbgħat 23 ta' Ottubru biex jinħatar bħala D.Segretarju Eżekuttiv.

6.2.5 Il-kunsillier J.Cardona ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Is-Sindku ssekondaħ.

## 6.3 Korrespondenza mas-Sindku

6.3.1 Is-Sindku qal illi għandna nirċievu €2,500 mill-MTA biex isiru Christmas Lights. Dan id-dawl se ssir ix-Xatt.

6.3.2

Is-Sindku qal illi hemm €2,000 fondi mir-Reġjun Lokali biex jintuza mill-għaqdiet. Esprima l-idea li tintuza għal-pageant tal-banda. Il-kunsillier A.Zammit qal illi hu lest jagħamel arranġamenti biex isir jekk il-kappella ma tkunx lesta.

6.3.3 Is-Sindku qal illi hemm €3000 mir-Reġjun għall-attivitajiet tal- V.O's tal-lokalita. Il-kunsillier A.Zammit qal se jkun hemm V.O ġdid fil-lokalita tal-Gzira bl-isem 'Happy Parenting Foundation'. Is-Sindku qal illi se jibgħat l-informazzjoni lill-kunsilliera A.Zammit u J.Borg.

6.3.4 Is-Sindku qal illi ltaqa ma ħu l-artist li kien għamel il-monument taċ-ċrieki tax-Xatt fejn dan qal illi se ssir esibizzjoni tax-xogħolijiet ta' ħuħ flimkien ma' MUZA. Hu ppropona li ssir monument simili izda bil-bronze. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel bl-idea.

6.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi tal-Marina kellom kawza izda issa l-proġett tista tkompli. Qal illi dalwaqt se jkun hemm workshops dwar il-proġett. Il-kunsillier S.Farrugia staqsa x'se jiġri bil-parking. Is-Sindku qal illi parking se tibqa hemm, waqt illi se jkun hemm ukoll il-parkeġġ ta' Manoel Island.
Fuq dan il-punt id-Dep Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ELC mhux se jkomplu joperaw u b'hekk mhux se jieħdu ħsieb il-ġnien. Is-Sindku ppropona li jibdew jieħdu ħsieb l-area il-ħaddiema tas-CWS.

6.3.6 Is-Sindku qal illi saret talba biex il-ġabra ta' filgħaxija tibda ssir mis-6pm. Id-Dep. Segretarju Eżekuttiv qal illi din tkun konkluda meta toħroġ il-Legal Notice.

## 6.4

6.4.1 **Mistoqsijiet tal-kunsilliera**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba għad-dettalji tal-kuntratt tal-handyman izda li din il-kwistjoni ġiet diskussa diġa taħt punt 7.2.2

## 6.5

6.5.1 **Rapporti**

Ma kien hemm l-ebda rapport. Id-Dep. Segretarju Eżekuttiv fakkar, kif diġa intqal taħt punt 7.2.2, illi qed jistenna li ssir l-evalwazzjoni tat-tender tal-Contracts Manager u tal-Handyman biex ikun jista jmexxi.

## 6.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

6.6.1 Permessi fil-Milied: Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv staqsa l-approvazzjoni għall-ġranet fejn ma joħorġux permess fiz-zmien il-Milied. Ġie deċiż illi ma joħorġux permessi bejn nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru u nhar il-Ħamis 2 ta' Jannar [dawk il-ġranet inkluzi],

6.6.2 Il-kunsillier A.Zammit ta rendikont ta' Universal Chidlrens Day fejn qal kien hemm ma' 750 tifel u tifla u bħala spejjez bqajna fir-reġjun ta' €15,000-€16,000.

6.6.3 Il-kunsillier A.Zammit qal illi għas-sena 2020 jixtieq jkompli l-attivitajiet li diġa qegħdin isiru, kif ukoll fejn possibli inzidu magħhom. Dawn l-attivitajiet huma l-iżfin, id-drama, Keep Fit Classes u żfin

għall-adulti. Qal illi din is-sena in-nefqa għal dawn l-attivitajiet kollha kienet ta’ €2,5000, dan grazzi għall-iskola primarja. Barra dawn l-attivitajiet semma wkoll:

- Outreach program għal aħmedija fl-1 ta’ Jannar 2020
- Attivita tal-aħħar tas-sajf fit-28 t’Awwissu 2020 li tiswa madwar €1,700 u €1,800
- Universal Children’s Day f’Novembru 2020, kif ukoll Konferenza Nazzjonali marbuta mall-okkazzjoni.

B’dawn kollha qal illi għandna naħdmu bi baġit ta’ €19,000

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi la din it-talba tirrekjedi ammont ta’ flus, din għanda tintbagħat b’forma ta’ mozzjoni fil-laqgħa li jmiss ħalli l-kunsilliera jkollom l-opportunita jaraw x’qed jiġi mitlub u jippreparaw ruħhom. Fil-prinċipju l-kunsilliera qablu izda għanda tiġi diskussa bħala mozzjoni fil-laqgħa li jmiss.

6.6.4 Il-kunsillier J.Cardona qal illi ma jaqbilx illi ma ssir l-ebda attivita fil-ġimgħa tal-festa. Is-Sindku qal illi għandu l-istess sentiment u ppropona street party ġewwa triq Cameron. Il-kunsillier J.Cardona qal illi aħjar minflok ma ssir l-attivita fl-aħħar tas-sajf, isir minflok fil-ġimgħa tal-festa. Il-kunsilliera J.Borg ma qablitx peress illi l-okazzjoni m hix waħda addata għall-festa. Fuq dan il-punt is-Sindku, kif ukoll il-Viċi Sindku, qal hemm bzonn inġibu izjed briju fil-festa għax fejn jaraw l-entużjazmu, in-nies jiġu.
Il-kunsillier A.Zammit irrisponda l-punt tal-kunsillier J.Cardona fejn qal illi jemmen illi z-zewġ attivaijiet għandom isiru u mhux waħda jew l-oħra. Il-kunsillier J.Cardona qal illi jħoss illi għanda ssir waħda minħabba spejjez.
Ġie deċiż illi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss il-kunsilliera jiġu bil-proposti.

6.6.5 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi għal zmien il-Milied u għall-festa hemm bzonn izjed dawl għax fil-prezent m’hemm xejn speċjali.

6.6.6 Il-Viċi Sindku qal illi fil-15 ta’ Diċembru Gzira United se jagħmlu attivita li tinvolvi l-etajiet kollha bejn l-U9’s u s-seniors. Qal illi min mhux fin-Nursery xorta se jingħata voucher għat-tfal biex jixtru flok ta’ Gzira United.

6.6.7 Il-kunsillier S.Farrugia lmenta fuq kuntratturi li qegħdin jagħmlu li jridu mingħajr ma jittieħed azzjoni mill-awtoritajiet. Semma każ partikolari ġewwa triq Manoel de Vilhena fejn dan qed jagħlaq mingħajr permess fuq bazi regolari. Qal illi mhux sew illi jittieħed azzjoni kontra ftit kuntratturi izda mhux kontra dawk kollha li jieħdu l-liġi f’idejhom. Is-Sindku qal illi se jkellmu hu lill-kuntrattur.

6.6.8 Is-Sindku qal illi bħas-snin preċedenti għandna norgannizaw il-ħarġa għat-tfal tal-iskola ta’ qabel il-Milied. Il-kunsill qabel.

6.6.9 Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa x’ġara bil-van tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien hemm inċident fejn ftit ilu, bil-lejl, xi ħadd baqa dieħel ġol karozza pparkjata u hemm ħsarat.

6.6.10 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi xi darba konna dorna l-lokalita biex naraw fejn kien hemm bzonn dawl. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi kienu saru ftit minnhom, izda kien hemm ċirkostanzi oħra fejn kien hemm problemi biex isiru minħabba oġġezzjoni mingħand min għandu propjeta, jew minħabba binja li kienet se taqa ftit wara.

6.6.11 Il-kunsillier H.Caruanaqal hemm ħofra fejn kien hemm l-A1 bar. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal hemm bzonn illi ssir reinstatement.

6.6.12 Il-Viċi Sindku staqsa meta se nagħmlu drinks u naqra finger food ta' qabel il-Milied. Ġie deċiż illi dawn isiru wara l-laqgħa tal-Kunsill fit-23 ta' Diċembru 2020. Għandom jiġu mistienda l-Presidenti u S.E tal-kazini.

## 6.7 Bord: Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv

6.7.1 Il-Bord għandom jiltaqaw mall-applikant nhar it-Tnejn 9 ta' Diċembru fil-5pm. Is-Sindku, is-sur J.Cardona u s-sur H.Caruana se jkunu l-membri tal-bord, fejn id-Dep. Segretarju Eżekuttiv se jkun is-Segretarju tal-Bord.

## 6.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

6.8.1 Il-kunsillier A.Zammit ppropona li niffirmaw l-iskeda tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku ssekondaħ. Il-Kunsill qabel.

## 6.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

6.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru 2019 fil-5.30pm

Konfermati, illum 23 ta' Diċembru 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv |